**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 32 – IT-TLIETA, 14 TA' FRAR 2017 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairperson |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Alfred Mangion | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairperson |
| Assenti | Simon Ellul Sullivan | Membru |

**1 Approvazzjoni tal-Minuti Numru 31**

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. F'paragrafu 2.6 għandha tidħol ''ġie nfurmat minnu, li'' minflok ''dan''. Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mill-Minuti Numru 31**

2.1 Rigward paragrafu 2.1 kien hemm qbil li tintbagħat reminder lil LESA rigward it-talba tal-Kumitat fuq suġġeriment ta' TM biex issir speed camera fi Triq il-Ħida u Triq Birkirkara. Għandu jiġi *copied in* is-Segretarju Parlamentari responsabbli għall-Kunsilli Lokali.

2.2 Rigward paragrafu 2.2 saret il-laqgħa mal-Enemalta fis-17 ta' Jannar 2017 imma ż-zebra crossings għadhom ma nxtelgħux. Għandu jsir follow up fuq din.

2.3 Rigward paragrafu 2.4 għandu jiġi kkonfermat mal-GDP jekk il-plot il-vojta fi Triq il-Bilba hiex privata jew pubblika.

Is-Sindku daħal għal-laqgħa fis-6.15pm

2.4 Rigward paragrafu 2.5 dwar it-tabella għal Triq it-Tellerit kien hemm qbil li din ma ssirx.

2.5 Rigward paragrafu 2.6 għandha tiġi kkjarifikata jekk l-email tas-Sur Sullivan Ellul għandiex tiġi kkunsidrata bħala r-riżenja tiegħu jew għandux bżonn jibgħat ittra formali.

2.6 Rigward paragrafu 3.4 ir-Reserved Parking fi Triq il-Ġojjin, iċ-Chairman rrid jikkonferma mar-resident jekk dan ir-reserved parking għadux fl-użu.

## 3 Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

3.1 Il-Kumitat ġie nfurmat li x-xogħol fuq il-bankina fi Triq Antonio Schembri quddiem ic-Chiswick School ser issir fis-27 u t-28 ta' Frar 2017 meta l-iskola tkun magħluqa bil-vaganzi tal-Karnival.

3.2 Ġie innutat ir-rapport tajjeb mill-Health and Safety dwar il-kundizzjoni ta' Ġnien G M Camilleri.

3.3 Kien hemm diskussjoni rigward il-locality map li hemm fi Triq Antonio Schembri. Is-Sindku esiġa li din għandha tersaq mal-ħajt peress li fejn qegħda bħalissa tista' tkun ta' periklu għat-tfal. Iċ-Chairman qabel ma' din. Is-Sur Alfred Mangion oġġezzjona li din għandha tiċċaqlaq u fakkar li l-pożizzjoni fejn qegħda kienet id-deċizjoni tal-Kumitat u s-Sindku m'għandux dritt li jbiddel id-deċiżjoni.

## 4 Affarjiet oħra

Is-Sur Alfred Mangion tkellem fuq il-punti li ġejjin:

4.1 Il-boroż tar-rubbish li qed jitħallew barra Coral View Apartment fi Triq Birkirkara. Ġie innutat li intbagħtu diversi ittri lir-residenti. Din hija issue ta' infurzar.

4.2 Ġie innutat li beda x-xogħol fuq il-kostruzzjoni tar-roundabout fi Triq Birkirkara.

4.3 Rigward il-plot maħruqa fi Triq tas-Sliema kantuniera ma' Triq it-Tellerit, il-Land Registry informa lill-Kumitat li m'għandhomx informazzjoni rigward is-sid tal-art.

4.4 Ħtieġa ta' Bus Shelther fil-bus stop ta' Triq tas-Sliema. Ġie innutat li l-wisa' tal-bankina ma tippermettix li ssir bus shelther.

4.5 Għandha ssir mera fi Triq Birkirkara faċċata ta' Triq il-Gallina. Il-mera tista' titwaħħal mad-dar

4.6 Il-bus stop fi Triq Birkirkara mneħħija mill-kuntrattur għadha mhix f'postha.

4.7 Kaxxa bil-wires 3 phase mwaħħla mill-kuntrattur suppost tkun fl-għoli jew ġewwa.

4.8 Saqsa għalfejn tneħħiet ir-reserved parking bay għad-disabled fil-parti t'isfel ta' Triq in-Naxxar.

4.9 Hemm roqa żejt fi Triq Birkirkara li saret mill-inġenji. Għandha tittieħed azzjoni.

4.10 Construction plot fi Triq Birkirkara (quddiem il-Vegimania) għandu tabelli tal-Kunsill dwar No Parking bid-data mgħottija minn fuqhom u allura juru li ma jistax isir parking quddiem il-plot il-ġranet kollha. Illegali.

4.11 Għandha ssir reminder lil TM rigward resurfacing ta' Triq il-Ġojjin u Triq il-Fikus.

4.12 In-No Entry signs fuq arblu fi Triq Birkirkara kantuniera ma' Triq San Pawl għadhom ftit imdawwrin u l-arblu mgħawweġ

4.13 Hemm rampa fuq bankina quddiem Nru 40 fi Triq San Franġisk.

4.14 Ilmenta li qed ikun hemm minn iħalli boroż tar-rubbish fi Triq il-Battaljun kantuniera ma' Triq in-Naxxar, ħdejn l-iskips f'Misraħ Lourdes, f'Misraħ Lewża u ħdejn il-flats tal-Gvern. Minkejja li dawn il-postijiet mhux fil-Kappara, il-Kumitat ġie nfurmat li hemm postijiet oħra li qed jitħallew il-boroż tar-rubbish. Il-Kunsill qed jinsisti mal-LESA biex isir infurzar permezz tal-green wardens.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 14 ta' Marzu 2017 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Stefan Bonello Ghio** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Chairman** |